**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn is-26 ta' Mejju 2025**

Talba Numru: 62/2025CC

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Tania Borg (KI 0389282 (M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-20 ta' Frar 2025, fejn l-attriċi talbet li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' tlett elef, disa' mija u sittin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€3,960.92c) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11117028 u 1.11117794 fuq talba u a benefiċċju tal-intimata.

L-Attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A bin-numru 2589/2023 u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviż.

Ra li minkejja li l-kovenuta ġiet debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-konvenuta naqset milli tippreżenta risposta fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-smigħ ta' dan il-proċediment.

Ra li fis-seduta tas-7 ta' April 2025, is-soċjeta' attriċi ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u konsegwentament iddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa.

Ra li minkejja li l-konvenuta ingħatat il-fakulta mit-Tribunal sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija naqset milli tagħmel dan.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa'.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**<u>It-Tribunal jikkunsidra.</u>**

Fis-sentenza **G.M.F Precast Limited vs Franmar Limited** deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-14 ta' Lulju 2022 ingħad li:

*"Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din lahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto" (SALVATORE LA ROSA, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa*

*mistieden jara in re* ***Giuseppe Gerada v. Salvu Attard*** *(Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959); id-decizjoni riportata f'Kollez. Vol XXIX-III-35; il-kawza in re* ***Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et*** *(Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); id-decizjoni in re* ***Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u in re* ***Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim*** *(Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.*

**<u>It-Tribunal jikkunsidra.</u>**

Illi t-Tribunal sejjer jagħmel analiżi tal-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-attriċi, it-talba ta' l-istess attriċi għandhiex tiġi milqugħa.

Flimkien mal-Avviż tat-Talba, l-attriċi ippreżentat kopja ta' żewġ fatturi, liema fatturi jindikaw li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' tlett elef, disa' mija u sittin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€3,960.92c) u anke affidavit tal-avukat Dr Jeremy Debono li fih iddikjara u kkonferma li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett elef, disa' mija u sittin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€3,960.92c).

It-Tribunal isostni li t-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-konvenuta jirriżultaw kkonfermati kemm mill-fatturi annessi mal-istess avviż tat-talba u anke mill-affidavit ta' Dr Jeremy Debono.

Għalhekk it-Tribunal se jkun qiegħed jilqa t-talbiet tal-attriċi u konsegwentament se jkun qiegħed jikkundanna lil konvenuta sabiex tħallas lill-istess attriċi is-somma ta' ta' tlett elef, disa' mija u sittin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€3,960.92c).

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba ta' l-attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lill-istess attriċi s-somma ta' tlett elef, disa' mija u sittin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€3,960.92c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta' Frar 2025 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri inkluż tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A bin-numru 2589/2023 jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**